MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2014

Talba Numru. 46/2014

**Mobisle Communications Limited C24655**

**vs.**

**Aleksander Grumic K.I. 83695 (A)**

It-Tribunal

Ra l-**Avviż tat-Talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-27 ta' Jannar 2014, li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' elfejn, u tlieta u sebgħin Ewro u disgħa u tletin ċenteżmu (€2073.39), liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' komunikazzjoni bl-akkont numru *A/C 40299555* mogħtija mis-soċjeta' attriċi lill-konvenut.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta′ attriċi s-somma ta' elfejn, u tlieta u sebgħin Ewro u disgħa u tletin ċenteżmu (€2073.39), bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi ppreżentata fis-27 ta' Awwissu 2013 u nnumerata 2015/13, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inklużi tal-ittra uffiċċjali ċċitata, huma a kariku tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------